Fit-Tribunal Industrijali

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
Bejn

Rita Mizzi
Vs
Dragonara Resort Ltd. dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta

Kaz. Nru. 1568
Decizjoni 1334

Illum, 20 ta' Settembru 2002

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

INTRODUZZJONI

Illi permezz ta' ittra datat 21 ta' Awissu 2001 l-appellanti talbet lill-Onor. Ministru tal-Politika Socjali jirreferi l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal ai termini tal-Kap 266, liema riferenza saret tramite ittra datata 27 ta' Awissu, 2001.

DIKJARAZZJONI TAL-KAZ.

L-appellanti tallega li ma kenitx tat ir-rizenja volontarja taghha lil principal. Dana ghamlithu ghax giet sfurzata taghmel minn theddid jew suggerimenti puliti da parti ta' ufficjal tal-istess principal.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata tirrifjuta l-allegazzjoni tal-appellanti. Dana mhux kaz ta' terminazzjoni izda rizenja volontarja espress da parti, tal-appellanti ai termini tal-ligi.

FATTI

L-appellanti kienet taghmilha ta' baby sitter fil-Westin Dragonara Hotel wara li kienet tispicca l-full time job li kellha mal-istess hotel. Ix-xoghol isien jinghatalha u tithallas mill-Hotel. Jirrizulta pero' li meta kienet taghmel dan ix-xoghol kienet tidhol u tohrog minn entratura mhux solita ghall-impjegati kif ukoll illi kienet tithallas direttament mir-residenti tal-lukanda w izzomm il-flus ghaliha. Dina ghamlitha tlett (3) darbiet. Hekk kif il-Management induna, dawn baghtu ghaliha. Hija ammettiet li zbaljat, giet ippressat biex tirrizenja – liema ghamlitu tramite ittra datata 27 ta' April 2001. Erba' (4) xhur wara pero kellha ripensament u spiccat quddiem dan it-Tribunal.

L-allegazzjoni taghha ta' sfurzar giet negata mill-persuni indikati minnha stess ossia Josephine Abdilla u Reggin Caruana, it-tnejn mill-Human Resources Department li kellha kuntatt maghhom l-istess appellanti. Dawn spjegaw kif fil-laqghat li kellhom mal-ex impjegata taghhom, huma ppuntwalizzaw il-posizzjoni taghha wara li nqabdet fl-agir taghha, u aktar wara l-ammissjoni taghha. Lanqas ma ppruvaw jezercitaw xi vjolenza fuq l-appellanti huma cahdu li ezercitaw xi vjolenza fizika - konfermat anki mill-istess appellanti. Lanqas wiehed seta' jimplika xi biza meta rinfaccjata bin-nuqqas taghha.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dak li ghandhu jigi riferat in prim ordine huwa l-ittra datata 27 ta' April, 2001, li fuqha s-socjeta' intimata qed taghmel tant enfazi. L-istess ittra hija auto-spjegatorja fis-sens li ma thalli l-ebda dubbju dwar l-portata u/jew validita' taghha. Dak li ghandhu jigi sottomess ghall-investigazzjoni huwa jekk l-istess ittra ta' rizenja tirriflettix l-istat fattwali tac-cirkostanzi ezistenti, in punctorum temporis!

It-Tribunal jaghmel riferenza ghad-decizjonijiet tieghu fl-ismijiet "Paul Attard vs Oil Tanking (Malta) Ltd." u Carmel Degiorgio vs All Services Company Ltd. moghtija fit-18 ta' Ottubru u 19 ta' Ottubru, 2001 rispettivament. Sta ghall-appellant li jipprova l-allegazzjoni li r-rizenja taghha kienet wahda involuntarja. L-ittra hija prova fiha nnifisha, aktar u aktar meta giet preparata mill-appellanti stess. Jigi rilevat ukoll illi l-appellanti kellha ripensament kwazi gheluq l-4 (erba') xhur fatali nieqes xi jumejn. Ma gew ravvizati l-ebda fattispecie partikolari sabiex l-appellanti tikkonvinci lit-Tribunal bl-annullabilita tal-kunsens talvolta vizjat taghha. Anzi, it-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li l-espressjoni tal-kunsens taghha kien wiehed piu che volontarja. Ma gie addebitata l-ebda vizzju ta' xi kwalita tal-kunsens tal-appellanti meta ffirmat u tat ir- rizenja taghha.

Illi s-sottomissjoni tal-appellanti kienet koncentrata dwar l-ekwita' tal-kaz. Jekk l-appellanti ma kenitx kapaci li tiehu decizjoni sana , giusta u ragjonata, kienet fid-dover li tikkonsulta ruhha u/jew tistenna cirkostanzi aktar favorevoli. Ma tista' wara libera scelta taghha, tillamenta fuq dik l-espressjoni libera u nkondizjonata taghha.

KONKLUZJONI

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara li effettivament is-socjeta' intimata ma tterminatx l-impjieg tall-appellanti izda kienet l-istess appellanti li rrizenjat mill-impjieg taghha. Ghalhekk it-talbiet taghha ma jistghux jigu akkolti.

B'hekk din il-kwistjoni giet definittivament termianta.

Ghal fini ta' transazzjoni qed jigi ffissat l-ammont ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20).

AVV. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
Chairman